IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 14.12.2021
COM(2021) 811 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# Il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana

{SWD(2021) 470 final}

MT

MT

## 1 INTRODUZZJONI

1. L-Ewropa hija wieħed mill-aktar reġjuni urbanizzati fid-dinja[1], b'varjetà kbira ta' rħula u bliet li huma ċentri importanti ta' attività ekonomika u soċjali. Fir-rigward tal-ippjanar urban u tal-kwalità tal-ħajja urbana, l-ibliet Ewropej spiss jitqiesu mill-bqija tad-dinja bħala postijiet attraenti biex persuna żżurhom, tgħix fihom, tistudja fihom, taħdem fihom u tagħmel negozju fihom, bil-mobbiltà u t-trasport bħala faċilitaturi ewlenin. Bħala punti ewlenin ta' konnessjoni, l-ibliet huma komponenti ewlenin tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), is-sinsla taż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport u essenzjali għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb. Ħafna bliet Ewropej huma minn ta' quddiem globalment fir-rigward tal-innovazzjoni fit-trasport, tal-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana u tal-implimentazzjoni ta' miri ambizzjużi għall-klima u għas-sikurezza fit-toroq.
2. Madankollu, l-ibliet għadhom qed jiffaċċjaw sfidi kbar biex ikomplu jtejbu s-sistema tal-mobbiltà u tat-trasport tagħhom. Fl-istess ħin, xorta jridu jindirizzaw bis-sħiħ il-konsegwenzi negattivi tat-trasport għas-soċjetà, għas-saħħa u għall-ambjent, b'mod partikolari l-ħolqien ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra, tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju kif ukoll tal-konġestjoni u tal-fatalitajiet fit-toroq. Dawk l-isfidi – kif ukoll il-viżjoni dwar it-triq 'il quddiem – ġew enfasizzati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[2], fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti (SSMS)[3], fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"[4], fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[5], u fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer[6].
3. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi fi Glasgow (COP26) ġibdet l-attenzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-impenji klimatiċi internazzjonali, hekk kif qed tagħmel l-Unjoni bil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-mobbiltà urbana tista' tagħmel kontribut kbir, mhux biss billi tnaqqas l-ammont imdaqqas ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra kkawżati minnha, iżda wkoll billi ssir tniġġes inqas, tikkawża inqas konġestjoni u ssir aktar sikura. Kif jikkonferma l-Pjan dwar il-Mira Klimatika tal-Unjoni għall-2030[7], l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-kuntest urban se jagħti riżultati biss għal parti minn dawn l-objettivi. Jenħtieġ li tingħata prijorità ċara fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali dwar l-iżvilupp tat-trasport pubbliku, il-mixi u ċ-ċikliżmu, kif ukoll is-servizzi ta' mobbiltà konnessi u kondiviżi.
4. Il-mobbiltà hija aspett kritiku tal-inklużjoni soċjali u fattur determinanti importanti tal-benesseri tal-bniedem, speċjalment għall-gruppi żvantaġġati. It-trasport, rikonoxxut bħala servizz essenzjali fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jissodisfa ħtieġa bażika f'li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, iżda jikkostitwixxi wkoll parti sinifikanti min-nefqa tal-unitajiet domestiċi. Il-konnettività mtejba u l-ftuħ tas-suq ikkontribwew għall-konnessjoni tan-networks tat-trasport, li jġibu lill-UE ħaġa waħda u jagħmluha aktar tanġibbli u aċċessibbli għall-vjaġġaturi. Dawn l-objettivi huma enfasizzati

[1] 70,9 % jgħixu f'żoni urbani https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/edn-20200207-1?etrans=mt

[2] COM (2019) 640 final

[3] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789

[4] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_3541

[5] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0400&qid=1623311742827

[6] https://ec.europa.eu/health/sites/default/files/non_communicable_diseases/docs/eu_cancer-plan_en.pdf/. Jenfasizza l-importanza li t-trasport u s-saħħa jiġu konnessi.

[7] Li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030; https://ec.europa.eu/clima/eu-action/european-green-deal/2030-climate-target-plan_mt

wkoll fil-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[8], li tipprovdi qafas komuni u fehim kondiviż ta' politiki u investimenti komprensivi meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta, inkluż it-trasport.

5. Minn naħa waħda, il-pandemija tal-COVID-19 xekklet il-mobbiltà u t-trasport. Min-naħa l-oħra, u speċjalment fl-ibliet, il-pandemija wasslet ukoll lill-ibliet sabiex itejbu l-infrastruttura għall-mobbiltà attiva. Għalhekk, issa huwa aktar milli meħtieġ li noħorġu mill-kriżi b'sistema ta' mobbiltà urbana aktar reżiljenti, aktar intelliġenti u aktar sostenibbli, li hija wkoll kruċjali għar-reżiljenza ġenerali tas-sistema tat-trasport u tal-ekonomija. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jwiegħed nodi urbani aktar sostenibbli bi kwalità tal-ħajja ogħla u b'konnettività, b'affordabbiltà u b'aċċessibbiltà aħjar tas-servizzi ta' mobbiltà għaż-żoni urbani u rurali ta' madwarhom. Sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ewlenija fil-mobbiltà urbana, hemm bżonn ta' azzjoni u ta' investiment rapidi u sinifikanti fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u b'mod partikolari lokali.

6. Il-pakkett dwar il-mobbiltà urbana tal-2013[9] iffoka fuq it-tħeġġiġ ta' azzjoni lokali, nazzjonali u Ewropea konġunta biex tirrispondi għal dawn l-isfidi tas-soċjetà. L-evalwazzjoni tiegħu[10] enfasizzat diversi kwistjonijiet, b'mod partikolari n-nuqqas ta' adozzjoni madwar l-UE ta' pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli[11] (SUMPs), element ċentrali tal-approċċ. Kwistjonijiet oħra kienu jinkludu n-nuqqas ta' ġbir konsistenti ta' *data* dwar il-mobbiltà urbana u l-ħtieġa għal qafas ta' governanza tal-UE aħjar li fih l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu involuti aktar fil-fond. Jenħtieġ li jkun hemm appoġġ disponibbli għall-awtoritajiet lokali biex jgħaqqdu aħjar l-istrateġiji tat-trasport transfruntiera mal-pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli, mal-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ, u ma' ppjanar urban aħjar. Għalhekk biex l-irħula u l-ibliet Ewropej jirnexxilhom inaqqsu l-gassijiet serra u l-emissjonijiet inkwinanti, il-konġestjoni u l-vittmi tat-toroq, hemm bżonn sforzi aktar b'saħħithom.

7. In-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) jibbaża fuq il-mobbiltà urbana għall-konnessjonijiet "tal-ewwel u tal-aħħar mil" kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. L-ibliet u r-reġjuni jeħtieġ li jkollhom rwol saħansitra akbar fit-TEN-T tal-futur biex itejbu l-flussi tal-mobbiltà u tat-trasport. Dan jista' jinkiseb billi jiġi żgurat li n-nodi urbani jiffunzjonaw aħjar fil-qafas ġenerali u li l-awtoritajiet lokali jkunu involuti aħjar fil-governanza tat-TEN-T.

8. Għalhekk, sabiex tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi, ambjentali, diġitali, tas-saħħa u tas-soċjetà dejjem aktar ambizzjużi tal-UE, l-UE jeħtieġ li tieħu azzjoni aktar deċiżiva dwar il-mobbiltà urbana biex taqleb mill-approċċ attwali li huwa bbażat fuq flussi tat-traffiku għal approċċ ibbażat fuq iċ-ċaqliq tan-nies u tal-merkanzija b'mod aktar sostenibbli. Dan ifisser sinsla tat-trasport kollettiv/pubbliku aktar b'saħħitha, għażliet ta' mobbiltà attiva aħjar (eż. il-mixi, iċ-ċikliżmu) u loġistika urbana effiċjenti b'emissjonijiet żero u konsenji tal-aħħar mil. Filwaqt li tali multimodalità jenħtieġ li tkun il-prinċipji gwida tagħna għall-mobbiltà urbana, il-mobbiltà mingħajr emissjonijiet u konnessa u awtomatizzata se tkun komponent ewlieni tat-tranżizzjoni lejn futur urban newtrali għall-klima li jippermetti wkoll li ż-żoni suburbani u rurali jingħaqdu b'mod sostenibbli mal-ibliet. Hija meħtieġa

[8] COM (2021)801

[9] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=CELEX:52021SC0047

[10] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=CELEX:52021SC0047

[11] Ara l-Anness ta' https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:82155e82-67ca-11e3-a7e4-01aa75ed71a1.0011.02/DOC_4&format=PDF u https://www.eltis.org/mobility-plans/sump-guidelines

ġestjoni aħjar tat-trasport u tal-mobbiltà bl-użu ta’ ċentri multimodali u soluzzjonijiet diġitali biex tiżdied l-effiċjenza fis-sistema kollha.

## 2 IL-QAFAS IL-ĠDID TAL-UE GĦALL-MOBBILTÀ URBANA

9. It-tranżizzjoni lejn mobbiltà urbana sikura, aċċessibbli, inklużiva, intelliġenti, reżiljenti u b’emissjonijiet żero teħtieġ enfasi ċara fuq il-mobbiltà attiva, kollettiva u kondiviża sostnuta minn soluzzjonijiet b’emissjonijiet baxxi u żero. Għalhekk teħtieġ azzjoni akbar u aċċellerata u investimenti ġodda; u jrid ikun hemm enfasi partikolari fuq it-trasport pubbliku, il-multimodalità u l-infrastruttura attiva tal-mobbiltà. Dan għandu jinkiseb billi jissaħħu l-għodod eżistenti u billi dawn jiġu kkumplimentati b’oħrajn ġodda. Abbażi ta’ analiżi bir-reqqa, qiegħed jiġi ppreżentat hawnhekk qafas ġdid tal-UE għall-mobbiltà urbana biex jappoġġa lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lill-ibliet u lil partijiet ikkonċernati oħra fit-trasformazzjoni meħtieġa.

### 2.1 Approċċ imsaħħaħ għan-nodi urbani tat-TEN-T

10. L-ibliet huma elementi importanti ta’ **network TEN-T** li jiffunzjona tajjeb. Madankollu, il-konġestjonijiet fin-network, in-nuqqas ta’ links u l-konnessjonijiet dgħajfa għadhom sfidi ewlenin għall-integrazzjoni tan-nodi urbani fin-network TEN-T.

Passiġġieri

11. L-importanza tan-nodi urbani ma hijiex biss għan-nies li jgħixu fl-ibliet. Madwar terz tal-popolazzjoni tgħix fl-irħula, fl-ibliet żgħar u fiż-żoni periurbani fil-periferija tal-ibliet u spiss tiddependi fuq karozzi privati biex tasal sa nodi urbani fil-qrib sabiex tkun tista’ tmur għax-xogħol jew l-iskola, tissoċjalizza, tivvjaġġa jew tixtri. Madankollu, dan min-naħa tiegħu jfisser li l-ibliet jiffaċċjaw konġestjoni u tniġġis kontinwi, b’għadd kbir ta’ karozzi li jidħlu u li joħorġu kuljum, li jkollhom ukoll riperkussjonijiet negattivi għas-sikurezza fit-toroq. Bl-istess mod, it-trasport pubbliku qiegħed jiffaċċja sfidi biex ilaħħaq mad-domanda kbira matul is-sigħat l-aktar intensivi, u n-networks ferrovjarji u tat-toroq, il-ferroviji, it-trams, ix-xarabanks u l-metros b’konġestjoni jistgħu jiffaċċjaw restrizzjonijiet li jxekklu mhux biss il-fluss tat-traffiku fin-nodu urban iżda fuq in-network kollu tat-TEN-T.

12. Il-ħtieġa għal konnettività effiċjenti u inklużiva bejn iż-żoni rurali, periurbani u urbani permezz ta’ għażliet ta’ mobbiltà sostenibbli ġiet rikonoxxuta fil-livell tal-UE[12]. Din tinkludi rabtiet integrati bejn iż-żoni rurali, suburbani u urbani fl-ippjanar tan-network tat-TEN-T u konnessjonijiet bejn dawn iż-żoni u l-ibliet. Hija meħtieġa infrastruttura aktar xierqa biex jiżdied is-sehem tat-trasport pubbliku. Dan ifisser, pereżempju, ċentri multimodali bi stazzjonijiet/waqfiet li huma interkonnessi b’mod effettiv ma’ servizzi tal-ferrovija urbana, tal-metro, tat-tramm, tax-xarabank, tal-kowċijiet, ta’ mobbiltà kondiviża u ma’ faċilitajiet aħjar u akbar ta’ park-and-ride, u li huma mgħammra aħjar b’postijiet xierqa fejn jitħallew ir-roti u punti tal-irriċarġjar u ta’ rifورniment aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi b’emissjonijiet baxxi u żero[13]. It-tfassil ta’ dawn il-faċilitajiet kollha jeħtieġ ukoll enfasi akbar fuq il-persuni b’diżabbiltà.

[12] A long-term vision for the EU’s rural areas https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/long-term-vision-rural-areas_en

[13] Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-varar ta’ infrastruttura ta’ fjuwils alternattivi (Regolament dwar l-Infrastruttura ta’ Fjuwils Alternattivi (AFIR)): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021PC0559

Merkanzija

13. L-interkonnettività bejn il-konnessjonijiet fuq distanzi twal u "tal-ewwel u l-aħħar mil" għat-trasport effiċjenti tal-merkanzija hija fundamentali għall-funzjonament bla xkiel tat-TEN-T u jenħtieġ li tiġi riflessa aħjar fl-ippjanar urban u reġjonali. Pereżempju, biex tiġi appoġġata loġistika mingħajr emissjonijiet aktar rapida u aktar effiċjenti f'nodi urbani, hemm bżonn ta' għadd suffiċjenti ta' terminals multimodali u ta' ċentri ta' konsolidazzjoni tal-merkanzija.

14. Il-varar ta' infrastruttura għall-irriċarġjar u għar-riforniment tal-fjuwil għal vetturi b'emissjonijiet baxxi u żero f'dawn iċ-ċentri u fiċ-ċentri loġistiċi huwa partikolarment importanti għall-vetturi ta' konsenja u għat-trakkijiet ta' distanzi twal[14]. Soluzzjonijiet alternattivi ta' konsenja, bħar-roti tal-merkanzija u l-passaġġi fuq l-ilma interni jenħtieġ li jitqiesu wkoll u li jintużaw aħjar fil-loġistika urbana, bil-konsenji awtomatizzati u d-droni (inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord) jintużaw dejjem aktar fil-futur, fejn xieraq.

15. Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, ir-Regolament TEN-T jeħtieġ jissaħħaħ biex jinkludi l-mobbiltà urbana, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ġenerali tan-network. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-bliet iżommu livell suffiċjenti ta' flessibbiltà b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà. Għalhekk, ir-reviżjoni proposta tar-Regolament TEN-T tipprevedi approċċ imsaħħaħ għal għadd akbar ta' nodi urbani[15]. Dawn in-nodi urbani huma l-punti tat-tluq u d-destinazzjonijiet finali ("l-ewwel u l-aħħar mil") għall-passiġġieri u għall-merkanzija li jiċċaqilqu fit-TEN-T kif ukoll il-punti tat-trasferiment fi ħdan jew bejn modi differenti tat-trasport, b'enfasi qawwija fuq it-trasport pubbliku. Ir-reviżjoni tindirizza wkoll in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħhom tal-2020[16] u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tagħha.

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tirrevedi r-Regolament TEN-T u, b'mod partikolari għal nodi urbani, tirrikjedi:

- l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli, filwaqt li titqies l-importanza ġenerali li jiġu ffaċilitati flussi trans-Ewropej tat-trasport fuq distanzi itwal, it-trasport ikun magħmul iniġġes drastikament inqas fl-ibliet, l-inċentivar ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero, inkluża mobbiltà attiva, kollettiva u kondiviża, u t-tnaqqis fl-intensità enerġetika tat-trasport;
- il-ġbir u s-sottomissjoni ta' *data* dwar il-mobbiltà urbana li tkopri mill-inqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konġestjoni, l-imwiet u l-korrimenti serji kkawżati minn ħabtiet fit-toroq, is-sehem modali għall-modi kollha, u l-aċċess għas-servizzi ta' mobbiltà[17] kif ukoll *data* dwar it-tniġġis tal-arja u bl-istorbju fl-ibliet;
- l-iżvilupp ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri, inklużi faċilitajiet ta' park-and-ride, biex jittejbu l-konnessjonijiet tal-ewwel u l-aħħar mil u biex jittejbu l-kapaċitajiet meħtieġa għall-konnettività fuq distanzi twal fin-nodi urbani u bejniethom;
- l-iżvilupp ta' terminals multimodali tal-merkanzija biex tiġi żgurata loġistika urbana

[14] Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi se jindirizza dan ukoll.

[15] Il-proposta tal-Kummissjoni żżid in-numru tagħhom għal 424, u tkopri b'mod effettiv l-ibliet kollha b'aktar minn 100 000 abitant (jew, jekk f'reġjun ta' NUTS 2 ma jkunx hemm tali nodu urban b'popolazzjoni fuq 100 000 abitant, in-nodu ewlieni ta' dak ir-reġjun ta' NUTS 2).

[16] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=53246

[17] Is-sehem tal-popolazzjoni b'aċċess xieraq għas-servizzi tal-mobbiltà (eż. it-trasport pubbliku).

sostenibbli abbażi ta' analiżi komprensiva fil-livell tal-Istati Membri.

## 2.2 Approċċ imsaħħaħ għall-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs) u l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-mobbiltà

16. Introdotti fl-2013, il-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli huma l-pedament tal-mobbiltà urbana tal-UE. L-SUMPs jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobbiltà għaż-żona urbana funzjonali kollha, inklużi sinerġiji mal-pjanijiet spazjali, tal-enerġija u klimatiċi. Matul l-aħħar snin, ġie żviluppat kompendju kbir ta' pariri u gwida mal-komunità, u sett sussegwenti ta' linji gwida sar disponibbli għall-ibliet u għall-partijiet ikkonċernati dwar l-osservatorju tal-mobbiltà urbana tal-UE[18]. Hemm ukoll għodda ta' awtovalutazzjoni biex tgħin lill-ibliet jifhmu l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-SUMPs tagħhom[19].

17. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà Urbana tal-2013 sabet għadd ta' nuqqasijiet li jipprevjenu lill-SUMPs milli jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-objettivi u għall-impenji dejjem aktar ambizzjużi tal-UE dwar it-trasport, il-klima, is-saħħa u s-soċjetà, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. Hemm implimentazzjoni mhux uniformi tal-SUMPs bejn u fi ħdan l-Istati Membri: ħafna rħula u bliet għad ma għandhomx SUMP u għal dawk b'SUMP, hemm varjazzjonijiet kbar fil-kwalità tagħhom. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-pjanijiet eżistenti għal loġistika urbana sostenibbli jkunu integrati aħjar fil-qafas tal-SUMP u jiġu żviluppati u implimentati ulterjorment madwar l-UE. Dawn in-nuqqasijiet fil-biċċa l-kbira għandhom x'jaqsmu ma' dak li s'issa kien l-approċċ mhux vinkolanti u jridu jiġu indirizzati.

18. L-awtoritajiet lokali u l-prattikanti tal-ippjanar jibbenefikaw minn għodod ta' ppjanar komplementari li jindirizzaw aspetti sistemiċi tal-mobbiltà, tal-enerġija u tas-sostenibbiltà. L-opportunitajiet għat-tisħiħ ta' tali interfaċċi bejn l-SUMPs u pjanijiet urbani rilevanti oħra li jkopru l-enerġija (b'mod partikolari l-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Enerġija u l-Klima Sostenibbli (SECAP)) u s-sostenibbiltà se jiġu rieżaminati.

19. Skont ir-Regolament TEN-T rivedut, l-obbligi dwar l-SUMPs huma proposti għan-nodi urbani stabbiliti. Fl-istess ħin, il-kamp ta' applikazzjoni tal-SUMPs jenħtieġ li jiġi kkomplementat u mtejjeb ulterjorment, filwaqt li jitqiesu r-rabtiet maż-żoni rurali tal-madwar u tiġi antiċipata wkoll il-ħtieġa għal indikaturi u rekwiżiti speċifiċi dwar l-SUMPs għan-nodi urbani tat-TEN-T.

20. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lil kull Stat Membru biex jistabbilixxi programm nazzjonali ta' appoġġ għal SUMP fit-tul, b'maniġer tal-programm nazzjonali. Dan il-programm jista' jkun fih miżuri legali, finanzjarji u organizzattivi biex jgħin fil-bini tal-kapaċitajiet u fl-implimentazzjoni tal-SUMPs f'konformità mal-linji gwida Ewropej tal-SUMP[20].

21. B'mod parallel, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati bħall-kumpaniji, l-isptarijiet, l-iskejjel jew l-attrazzjonijiet turistiċi jenħtieġ li jiġu mħeġġin jiżviluppaw pjanijiet u azzjonijiet ta' ġestjoni tal-mobbiltà li jippromwovu mezzi ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u żero bħat-trasport pubbliku, il-mobbiltà attiva jew il-mobbiltà kondiviża.

---

[18] https://www.eltis.org/mobility-plans/sump-guidelines

[19] https://www.eltis.org/resources/tools/sump-self-assessment-tool

[20] https://www.eltis.org/mobility-plans/sump-guidelines

Il-Kummissjoni se:

- tippubblika, sa tmiem l-2022, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-programm nazzjonali biex jiġu appoġġati r-reġjuni u l-ibliet fil-varar ta' pjanijiet effettivi ta' mobbiltà urbana sostenibbli. Din se tinkludi kunċett aġġornat tal-SUMP, li jistabbilixxi prijoritajiet ċari biex jiġu promossi soluzzjonijiet sostenibbli inkluż it-trasport attiv, kollettiv u pubbliku u l-mobbiltà kondiviża (inkluż għal konnessjonijiet urbani-rurali), l-integrazzjoni sħiħa ta' aspetti ta' reżiljenza kif ukoll il-Pjanijiet għal-Loġistika Urbana Sostenibbli (SULP), abbażi ta' vetturi u soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero;
- tħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-Patt Ewropew tas-Sindki dwar l-allinjament tal-istrumenti tal-SUMP u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Enerġija u l-Klima Sostenibbli (SECAPs);
- tikkomplementa u tissimplifika s-sett ta' gwida tas-SUMP.

### 2.3 Il-monitoraġġ tal-progress – indikaturi tal-mobbiltà urbana sostenibbli

22. Sabiex jinftiehem il-progress miksub u jittejbu l-pjanijiet eżistenti, irid ikun hemm disponibbli *data* komprensiva. Hekk kif l-awtoritajiet lokali jieħdu azzjonijiet individwali biex jilħqu l-għanijiet ta' politika, qiegħed isir dejjem aktar evidenti li hemm nuqqas ta' approċċ komuni għall-monitoraġġ u għall-għoti ta' informazzjoni. L-indikaturi standardizzati madwar l-UE jagħmluha wkoll aktar faċli għall-ibliet biex jikkondividu l-aħjar prattiki. Din il-bażi komuni ta' għarfien tista' mbagħad tippermettilhom isegwu approċċi konġunti fil-livell Ewropew biex jimplimentaw pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli.

23. Fi proġett pilota b'diversi bliet tal-UE, il-Kummissjoni ttestjat sett ta' indikaturi tal-mobbiltà urbana sostenibbli – bħall-affordabbiltà tat-trasport pubbliku, l-imwiet u l-korrimenti fit-toroq, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, il-konġestjoni u l-qasma modali – u pprovdiet għodda ta' valutazzjoni komparattiva relatata[21]. Il-feedback riċevut ipprovda gwida dwar kif jista' jittejjeb l-indikatur stabbilit b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-metodoloġija tagħhom tiġi ssimplifikata u tibbenefika minn appoġġ u impenn fit-tul. Identifika wkoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ lill-ibliet, li jiżdiedu r-riżorsi rilevanti għall-awtoritajiet lokali u li tiġi appoġġata l-akkwiżizzjoni tad-*data*.

24. Barra minn hekk, ġiet identifikata l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu involuti aħjar fil-proċess, minħabba li diversi Stati Membri ma jiġbrux sistematikament id-*data* rilevanti. Din hija kwistjoni partikolarment importanti għan-nodi urbani tat-TEN-T, minħabba li huma partijiet vitali tan-network tat-TEN-T.

25. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, qiegħed jiġi propost approċċ preparatorju fi stadji. Dan se jibda bl-irfinar tal-indikaturi, segwit mill-appoġġ lill-ibliet u lill-Istati Membri fil-ġbir tad-*data* meħtieġa, fid-dawl tar-rekwiżiti proposti għall-ġbir tad-*data* min-nodi urbani dwar it-TEN-T.

Għalhekk, sabiex tiżdied l-adozzjoni tal-indikaturi, il-Kummissjoni se:

[21] https://ec.europa.eu/transport/themes/urban/urban_mobility/sumi_en

- sa tmiem l-2022, ittejjeb u tissimplifika s-sett ta’ 19-il indikatur tal-mobbiltà urbana sostenibbli diġà identifikati kif ukoll l-għodda ta’ valutazzjoni komparattiva relatata;
- fl-2023, tniedi azzjoni ta’ appoġġ għall-programm taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa lill-Istati Membri għall-ġbir ta’ *data* għal indikaturi armonizzati tal-mobbiltà sabiex jiġi mmonitorjat il-progress miksub min-nodi urbani tat-TEN-T lejn mobbiltà urbana sostenibbli.

### 2.4 Servizzi tat-trasport pubbliku attraenti, appoġġati minn approċċ multimodali u mid-diġitalizzazzjoni

26. It-trasport pubbliku bħall-ferrovija urbana, il-metros, it-trams, ix-xarabanks, ix-xarabanks tal-ilma, il-laneċ jew il-cable cars jirrappreżentaw l-aktar mezzi sikuri, effiċjenti u sostenibbli għal għadd kbir ta’ persuni biex jivvjaġġaw. It-trasport pubbliku jipprovdi wkoll għażliet ta’ mobbiltà affordabbli u inklużivi, li jippermettu l-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku lokali. Din hija r-raġuni għala l-Kummissjoni llum tipproponi li n-nodi urbani fin-network tat-TEN-T jiżviluppaw pjanijiet ta’ mobbiltà urbana sostenibbli li għandhom l-għan li jżidu l-użu tat-trasport pubbliku, u li għandhom l-għan li jippromwovu, fil-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana, it-tisħiħ ta’ din il-forma ta’ trasport fl-ibliet u fir-reġjuni.

27. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-qafas ta’ politika tal-2013 uriet li mill-2013, l-użu tat-trasport pubbliku fl-ibliet Ewropej żdied bi ftit biss, u l-pandemija tal-COVID-19 laqtet ħafna l-operat tat-trasport pubbliku u l-għadd ta’ passiġġiera. Xi bliet urew l-effiċjenza tal-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali pubbliċi u tat-trasport li jinvolvu ruħhom f’kampanji biex terġa’ tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku u biex in-nies jerġgħu lura fid-drawwa li jużaw it-trasport pubbliku. Jeħtieġ li jsir aktar għat-trasport pubbliku u għal aspetti relatati bħas-sistemi ta’ informazzjoni multimodali u l-ħruġ ta’ biljetti intelliġenti. Dan jenħtieġ li jiġi rifless kif xieraq b’mod partikolari fil-qafas imsaħħaħ tal-SUMP.

28. It-trasport pubbliku joħloq l-impjiegi, jippromwovi l-aċċessibbiltà territorjali u l-inklużjoni soċjali u huwa essenzjali għall-konnettività ma’ żoni rurali u periurbani. F’dan ir-rigward, it-trasport bil-ferrovija huwa f’pożizzjoni tajba biex jespandi s-sehem modali tiegħu, inkluż fiż-żoni urbani u fil-madwar tagħhom. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji fl-2021 kienet opportunità tajba biex jinbeda dan il-proċess.

29. Bħala parti minn bidla usa’ lejn mobbiltà b’emissjonijiet żero, ix-xarabanks li jaħdmu bl-idroġenu u b’mod partikolari x-xarabanks elettriċi bil-batteriji diġà jirrappreżentaw sehem li qiegħed jikber malajr tal-flotta tat-trasport pubbliku madwar l-UE. Il-leġiżlazzjoni dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi[22], li bħalissa qiegħda tiġi riveduta bħala parti mill-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”[23], tistabbilixxi qafas għat-tlestija tal-istandardizzazzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar fil-livell tal-UE, u d-Direttiva riveduta dwar il-Vetturi Nodfa[24] tistabbilixxi miri nazzjonali għall-akkwist pubbliku ta’ xarabanks, trakkijiet, karozzi u vannijiet nodfa għal servizzi bħat-trasport pubbliku, il-ġbir tal-iskart jew it-

[22] Id-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta’ infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

[23] Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-varar ta’ infrastruttura ta’ fjuwils alternattivi: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021PC0559

[24] Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b’appoġġ għall-mobbiltà b’emissjonijiet baxxi: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02009L0033-20190801

trasport tal-posta u tal-pakketti. Il-Kummissjoni tat prijorità lill-appoġġ, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa għall-irriċarġjar u għar-rifolniment bil-fjuwil sabiex tippermetti tranżizzjoni bla xkiel lejn vetturi b'emissjonijiet żero. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll il-Pjattaforma Clean Bus Europe[25] biex tgħin lill-ibliet bit-tranżizzjoni lejn flotot tax-xarabanks nodfa.

30. Il-kopertura u l-aċċessibbiltà tat-trasport pubbliku fl-ibliet tjiebu[26]. Iżda jeħtieġ li jsir aktar biex tiżdied il-kwalità tiegħu, biex tiżdied l-aċċessibbiltà tiegħu għall-persuni b'diżabbiltà u biex tiġi żgurata integrazzjoni aħjar bejn it-trasport pubbliku u s-servizzi ta' mobbiltà kondiviża u l-mobbiltà attiva, inkluż servizzi ta' mikromobbiltà sabiex ikopru l-aħħar mil fejn il-punti ta' aċċess ikunu 'l bogħod jew il-frekwenza tat-trasport pubbliku tkun baxxa. Dan se jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-ħtieġa li jintużaw vetturi bil-mutur u b'hekk jista' jnaqqas il-konġestjoni. Barra minn hekk, it-trasport pubbliku u s-servizzi ta' mobbiltà kondiviża jeħtieġ li jikkomplementaw lil xulxin. F'xi każijiet, il-mobbiltà kondiviża u fuq talba, tista' ssir parti mit-trasport pubbliku, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, integrata skont il-mudelli ta' Mobbiltà bħala Servizz.

31. It-trasport pubbliku ta' kwalità tajba jaqdi lill-ħaddiema u lill-vjaġġaturi, lill-familji bi dħul għoli u baxx, lill-anzjani u liż-żgħażagħ, lin-nisa u lill-irġiel bl-istess mod. Jeħtieġ li nadattaw l-infrastruttura u s-servizzi tat-trasport pubbliku urban biex tiġi żgurata aċċessibbiltà aħjar, fost affarijiet oħra[27], inkluż biex taqdi aħjar lill-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ f'ħafna bliet kif ukoll lil persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa.

32. Sabiex jinkiseb dan, it-trasport pubbliku jrid ikun fiċ-ċentru tal-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana, irid ikun disponibbli u attraenti għal kulħadd u joffri aċċess mingħajr ostakli. Jenħtieġ li jżomm kultura ta' sikurezza għolja biex jipproteġi lill-pubbliku ġenerali, lit-tfal u lill-utenti vulnerabbli u jattira gruppi ġodda ta' nies. L-ippjanar tat-trasport pubbliku jenħtieġ li jindirizza wkoll il-konnessjonijiet maż-żoni barra miċ-ċentru tal-belt, inkluż il-konnessjonijiet mas-subborgi u ż-żoni rurali lil hinn mill-belt.

33. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm enfasi akbar fuq id-diġitalizzazzjoni u fuq l-awtomatizzazzjoni tas-servizzi tat-tramm, tax-xarabanks, tal-ferroviji urbani u tal-metro; dan jista' jżid il-frekwenza tas-servizzi u jnaqqas il-kostijiet operatorji. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar *data* dwar il-flussi reali tat-traffiku tan-nies sabiex il-kapaċità tat-trasport pubbliku, ir-rotot u l-iskedi jiġu adattati b'mod dinamiku madwar il-belt kollha, aktar milli jitkomplew offerti ta' trasport fissi stabbiliti storikament.

34. B'mod aktar ġenerali, is-soluzzjonijiet multimodali diġitali huma wkoll strumentali biex tiżdied l-attraenza tat-trasport pubbliku. Għalhekk, l-applikazzjonijiet ta' Mobbiltà bħala Servizz (MaaS) iridu jiġu żviluppati bit-trasport pubbliku bħala s-sinsla. L-awtoritajiet tat-trasport pubbliku jridu jiżguraw li l-passiġġieri jiġu pprovduti bi skedi ta' żmien reali għat-trasport pubbliku u b'għażliet multimodali. Dan jeħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha jaħdmu flimkien biex jirrikonċiljaw l-interessi kummerċjali u pubbliċi fit-tfassil u fl-operat tal-applikazzjonijiet ta' Mobbiltà bħala Servizz. Offerta integrata li tinkludi biljett uniku tgħin ukoll biex isiru konnessjonijiet bla xkiel għal vjaġġar ferrovjarju fuq distanzi itwal u biex jiżdiedu l-għażliet ta' mobbiltà għal persuni li jgħixu f'żoni remoti, għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa u għal vjaġġaturi, inkluż minn żoni rurali u periurbani.

---

[25] https://cleanbusplatform.eu/

[26] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=53246

[27] F'dan ir-rigward, japplika r-Regolament 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferrovija u r-Regolament 181/2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ.

35. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi tat-trasport urban jipprovdu informazzjoni aċċessibbli biex jagħmlu s-siti web, l-applikazzjonijiet tal-mowbajl, is-servizzi tal-biljetti elettroniċi, is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali, il-magni tal-biljetti u taċ-check-in tagħhom konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà madwar l-UE kollha[28].

36. Fl-istess ħin, il-bidliet marbuta mal-awtomatizzazzjoni u mad-diġitalizzazzjoni se jġibu wkoll sfidi għat-trasport pubbliku, inkluż għall-ħaddiema tiegħu. L-impjiegi tas-sewwieqa, huma, b'mod partikolari, f'riskju kbir li jkunu awtomatizzati[29]. Għalhekk, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet jeħtieġ ikollhom rwol sostanzjali fil-bidla għal trasport pubbliku b'emissjonijiet żero fil-futur, u jeħtieġ jitfasslu miżuri oħra fi djalogu mas-sħab soċjali. Il-Patt Ewropew għall-Ħiliet[30] se jgħin biex jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati u se jaġixxi bħala inċentiv għalihom biex jieħdu azzjoni fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid.

37. Dawn l-aspetti kollha, stabbiliti b'mod sod fil-qafas tal-SUMP, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal trasport pubbliku aħjar, filwaqt li jagħmluh aktar attraenti u b'hekk jiżdied l-użu tiegħu għall-gruppi demografiċi kollha, inkluż għal dawk minn żoni periurbani u rurali. Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku għandhom rwol importanti fil-provvista effiċjenti ta' servizzi ta' mobbiltà urbana. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jwettqu l-proċeduri ta' akkwist relatati tagħhom biex jagħtu prijorità lil soluzzjonijiet innovattivi, diġitali, aċċessibbli, sostenibbli u multimodali.

Il-Kummissjoni se:

- ssaħħaħ il-finanzjament tagħha (ara t-taqsima 5) u l-appoġġ għall-politika (eż. kunċett imsaħħaħ tal-SUMP) għat-trasport pubbliku u se taħdem mal-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali u mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura li din il-forma ta' trasport tibqa' s-sinsla tal-mobbiltà urbana u biex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għan-network tat-trasport pubbliku, inkluż it-titjib tal-aċċess għall-istazzjonijiet tal-ferrovija;
- tikkunsidra l-forniment obbligatorju tad-*data* f'ħin reali tal-operaturi (eż. l-iskeda taż-żmien u l-informazzjoni dwar it-tfixkil), inkluż mit-trasport pubbliku, permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali (tad-*data*), fir-rieżami tagħha tar-Regolament Delegat 2017/1926 dwar is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali li għandhom jiġu adottati fl-2022;
- tipproponi li, bħala parti mit-TEN-T, in-nodi urbani huma meħtieġa biex il-passiġġieri jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni, jibbukkjaw, iħallsu l-vjaġġi tagħhom u jiksbu l-biljetti tagħhom permezz ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali, u li permezz tagħhom it-trasport pubbliku jista' jsir is-sinsla tal-mobbiltà kollettiva fin-nodi urbani sal-2030.

[28] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (se ssir applikabbli fl-2025): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32019L0882#

[29] Analiżi aktar fil-fond tal-isfidi relatati mal-impjiegi u l-ħiliet fit-trasport hija inkluża fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-istrateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52020SC0331)

[30] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1517&langId=mt

## 2.5 Mobbiltà aktar b'saħħitha u aktar sikura: enfasi mġedda fuq il-mixi, iċ-ċikliżmu u l-mikromobbiltà

38. Il-mezzi ta' mobbiltà attiva bħall-mixi u ċ-ċikliżmu huma forom ta' mobbiltà rħas u b'emissjonijiet żero li jistgħu jwasslu wkoll għal kobenefiċċji tas-saħħa assoċjati ma' stili ta' ħajja aktar attivi. Sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tagħhom, dawn jenħtieġ li jiġu indirizzati kif xieraq fil-politiki dwar il-mobbiltà urbana fil-livelli kollha ta' governanza u finanzjament, fl-ippjanar tat-trasport, fis-sensibilizzazzjoni, fl-allokazzjoni tal-ispazju, fir-regolamenti dwar is-sikurezza u fl-infrastruttura adegwata, inkluż enfasi speċjali fuq persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Dan se jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer. Din hija raġuni oħra għaliex il-Kummissjoni llum tipproponi li n-nodi urbani fin-network tat-TEN-T jiżviluppaw pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli li għandhom ukoll l-għan li jżidu l-użu ta' mobbiltà attiva, u li jfittxu li jippromwovu, fil-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana, it-tisħiħ ta' din il-forma ta' mobbiltà fl-ibliet u fir-reġjuni.

39. L-impjegaturi jistgħu jippromwovu saħħa aħjar tal-impjegati permezz ta' mobbiltà attiva. Kampanji ta' promozzjoni u skemi ta' inċentivi fuq il-post tax-xogħol, appoġġati mill-investiment infrastrutturali meħtieġ biex jiġu ffaċilitati l-mixi u ċ-ċikliżmu għax-xogħol, jirriżultaw f'saħħa u benesseri mtejba tal-impjegati.

40. Mill-epidemija tal-COVID-19, ħafna awtoritajiet lokali kienu qed jieħdu azzjoni bħat-trasformazzjoni tal-ispazji tal-parkeġġ jew it-twessigħ tal-bankini għall-persuni mexjin biex jiġi riallokat aktar spazju pubbliku għall-mezzi sostenibbli bħall-mixi u ċ-ċikliżmu. L-infrastruttura tat-toroq hija spazju pubbliku li jista' jiġi adattat biex jakkomoda użu sikur minn kulħadd.

41. Il-modi attivi ta' mobbiltà jistgħu jkunu parti minn vjaġġi multimodali (speċjalment għall-ewwel u l-aħħar mil) u joffru soluzzjoni ta' mobbiltà minn bieb sa bieb waħedhom ukoll. Dawn għandhom potenzjal kbir biex itejbu s-saħħa tal-bniedem bis-saħħa tal-attività fiżika u biex itaffu l-konġestjoni u b'hekk inaqqsu d-diossidu tal-karbonju u l-emissjonijiet, it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju. L-investiment f'infrastruttura tal-mobbiltà attiva jġib ukoll qligħ ekonomiku tanġibbli[31].

42. Ir-roti elettriċi jiftħu ċ-ċikliżmu għal dawk li jgħixu f'żoni bl-għoljiet jew fis-subborgi u għal persuni akbar fl-età u għal xi persuni b'mobbiltà mnaqqsa, u jippermettu lil ħafna aktar nies jivvjaġġaw, u jmorru ħafna aktar 'il bogħod, bir-rota. Ir-roti tal-merkanzija elettriċi qed jieħdu wkoll sehem dejjem akbar ta' servizzi ta' konsenja kummerċjali. Ir-roti elettriċi issa huma s-segment tal-mobbiltà elettrika li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla fl-Ewropa, b'żieda ta' 52 % fil-bejgħ fl-2020. Bix-xejra attwali, l-UE qed tiżviluppa wkoll bażi industrijali aktar b'saħħitha fit-teknoloġiji tar-roti u tal-vetturi b'żewġ roti. Dawn qegħdin isiru dejjem aktar intelliġenti, u jeħtieġ li jsir aktar biex jittejbu l-investimenti fl-infrastruttura taċ-ċikliżmu u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u d-*data* biex tiżdied l-adozzjoni taċ-ċikliżmu u biex tiżdied l-integrazzjoni taċ-ċikliżmu f'taħlita tat-trasport multimodali.

43. Numru akbar ta' persuni li jimxu u li jużaw ir-rota, flimkien mal-feġġa rapida ta' skuters elettriċi u ta' forom ġodda oħra ta' mikromobbiltà, ifisser għadd akbar ta' utenti vulnerabbli tat-triq[32] fit-toroq tal-ibliet. L-utenti kollha tat-triq, inklużi dawk bil-mutur, iridu jadattaw

---

[31] Kull EUR 1 investit fiċ-ċikliżmu fl-arterji ewlenin tal-belt f'Ħelsinki jġib gwadann ta' EUR 3,6[Helsinki conducts first Bikenomics analysis | CIVITAS Handshake (handshakecycling.eu)].

[32] L-avukati ta' dawn il-forom ta' mobbiltà spiss jitkellmu dwar "utenti siewja tat-triq" peress li jnaqqsu l-konġestjoni u jtejbu l-kwalità tal-arja għal kulħadd.

għax-xenarju l-ġdid, permezz ta' aktar sensibilizzazzjoni u edukazzjoni għas-sikurezza fit-toroq. L-utenti vulnerabbli tat-triq jammontaw għal 70 % tal-fatalitajiet fit-toroq urbani, u għalhekk dan il-grupp jenħtieġ li jirċievi aktar attenzjoni b'mod partikolari jekk l-UE trid tilħaq il-mira tagħha ta' "viżjoni żero[33]" biex tnaqqas il-fatalitajiet u l-korrimenti fit-toroq għal kważi żero. L-aspetti tas-sikurezza fit-toroq jenħtieġ li jirċievu attenzjoni addizzjonali u jkunu parti ġenerali mil-livelli kollha tal-ippjanar tal-mobbiltà urbana. L-utenti vulnerabbli tat-triq jenħtieġ li jingħataw biżżejjed spazju; eż. permezz tas-separazzjoni fiżika tal-mogħdijiet tal-mixi, tar-roti/tal-mikromobbiltà mit-traffiku motorizzat kull fejn ikun fattibbli. Il-finanzjament tal-UE għall-proġetti ta' mobbiltà urbana u għall-proġetti ta' infrastruttura urbana jenħtieġ li jirrikjedi li l-proġetti jsegwu l-approċċ ta' "sistema sikura". L-ibliet Ewropej diġà qegħdin jimplimentaw miżuri biex inaqqsu r-riskju relatat mal-veloċità billi jadattaw il-limiti massimi u jkomplu l-ħidma fir-rigward ta' ġestjoni aħjar tal-veloċità.

44. Diġà qabel il-pandemija tal-COVID-19, ħafna operaturi kienu bdew jipprovdu servizzi ġodda ta' mikromobbiltà – bħal vetturi b'żewġ roti (elettriċi) mingħajr stazzjon jew ibbażati fi stazzjon (roti, skuters jew mopeds elettriċi) u apparat ieħor ta' mobbiltà personali – f'ħafna bliet fl-UE. Madankollu, jiġu applikati regoli differenti fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali, spiss anke fi ħdan Stat Membru wieħed, u dan jagħmilha diffiċli għall-viżitaturi biex isegwu r-regoli lokali b'mod korrett u jfixkel in-negozju tal-operaturi tal-iskemi ta' kondiviżjoni li jixtiequ joperaw f'aktar minn pajjiż wieħed.

45. Għalhekk, illum qiegħda tiġi ppubblikata gwida għall-awtoritajiet rilevanti, abbażi ta' konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha, dwar l-użu sikur tal-apparat tal-mikromobbiltà fuq l-osservatorju tal-mobbiltà urbana tal-UE. Din il-Gwida dwar is-Suġġett tal-SUMP tipprovdi l-aħjar prattika u rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar l-integrazzjoni ta' apparati ta' mikromobbiltà fl-ippjanar tal-mobbiltà urbana, bil-għan li jinkiseb l-użu l-aktar sikur tagħhom fiż-żoni urbani. Dan se jgħin biex il-mikromobbiltà tiġi integrata fl-approċċ tal-viżjoni żero u biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-UE li toqrob lejn ebda fatalità u ebda korriment sever fit-trasport bit-triq.

Għalhekk, il-Kummissjoni se:

- tipproponi fir-Regolament TEN-T rivedut rekwiżiti dwar iċ-ċentri multimodali tal-passiġġieri f'nodi urbani biex il-modi u r-rekwiżiti tat-trasport attiv jiġu integrati aħjar biex jinżammu l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-mogħdijiet tar-roti sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport;
- iżżid ir-rwol tal-mixi u taċ-ċikliżmu fid-dokumenti ta' gwida aġġornati tal-SUMP;
- tippubblika llum, fuq l-osservatorju tal-mobbiltà urbana tal-UE, Gwida ddedikata dwar is-Suġġett tal-SUMP dwar l-użu sikur tal-apparat tal-mikromobbiltà biex tgħin lill-pjanifikaturi tal-mobbiltà urbana u lill-awtoritajiet lokali jippermettu l-użu sikur ta' apparati ġodda fit-toroq tal-ibliet;
- filwaqt li tibni fuq l-esperjenza fil-livelli nazzjonali u lokali dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza,

[33] Il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 - Il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Żero" , https://ec.europa.eu/transport/road_safety/sites/default/files/move-2019-01178-01-00-en-tra-00_3.pdf

ħejji regoli dwar is-sikurezza tal-apparat tal-mikromobbiltà;

- tipprovdi, sa tmiem l-2022, gwida dwar ir-rekwiżiti tal-infrastruttura ta' kwalità għall-utenti vulnerabbli tat-triq fil-verifika inizjali tal-fażi tat-tfassil skont id-Direttiva 2008/96/KE[34] dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq.

### 2.6 Loġistika tal-merkanzija f'belt b'emissjonijiet żero u konsenja tal-aħħar mil

46. It-trasport tal-merkanzija f'belt, jew il-loġistika, huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomiji urbani, aktar u aktar matul u wara l-pandemija tal-COVID-19 li rriżultat f'żieda fl-attività tal-kummerċ elettroniku u fil-konsenji domestiċi. Il-konsenji tal-kummerċ elettroniku tal-konsumaturi żdiedu b'25 % fl-2020 minħabba l-pandemija, u ż-żieda fil-konsenji tal-aħħar mil aktarx li tippersisti[35].

47. Minbarra l-karatteristiċi proposti għan-nodi urbani fir-reviżjoni tar-Regolament TEN-T, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli u li qed jiżviluppaw malajr bħar-roti tal-merkanzija għalhekk jeħtieġ li tiġi aċċellerata, bl-użu ta' mudelli ġodda ta' distribuzzjoni, rotot dinamiċi, u użu multimodali konness aħjar tal-ferroviji urbani u tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jappoġġa l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-vetturi u tal-infrastruttura u jnaqqas il-ħtieġa għal vjaġġi vojta u bla bżonn.

48. Barra minn hekk, id-dimensjoni tal-merkanzija jenħtieġ li tidher b'mod prominenti fl-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana biex jitħaffef l-użu tagħhom. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-pjanijiet eżistenti għal-loġistika urbana sostenibbli (SULPs)[36] jkunu integrati aħjar fil-qafas tal-SUMP u jiġu żviluppati u implimentati ulterjorment madwar l-UE[37]. Dan se jgħin biex jintlaħaq l-għan ta' loġistika urbana b'emissjonijiet żero sal-2030.

49. L-azzjonijiet f'dan il-qasam għandhom jiffukaw fuq l-użu ta' soluzzjonijiet, teknoloġiji u vetturi b'emissjonijiet żero għal-loġistika urbana. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-vetturi tqal sabiex timxi lejn vetturi b'emissjonijiet żero f'dan is-settur. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar standards tal-emissjonijiet tas-CO2 aktar ambizzjużi għall-vetturi ħfief[38] se żżid ukoll b'mod sinifikanti l-introduzzjoni ta' vannijiet b'emissjonijiet żero użati għal-loġistika urbana.

50. L-iżgurar tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati huwa ċentrali għall-ottimizzazzjoni tal-loġistika urbana u l-konsenja tal-aħħar mil f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati privati, id-djalogi regolari fost il-partijiet kollha, in-networking u l-iskambji fost il-pjanifikaturi tal-

34 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex%3A32008L0096

35 https://www.weforum.org/press/2021/04/covid-19-has-reshaped-last-mile-logistics-with-e-commerce-deliveries-rising-25-in-2020/

36 F'Ottubru 2019 ġiet ippubblikata gwida ddedikata dwar is-suġġett fil-kuntest tal-SUMP: https://www.eltis.org/sites/default/files/sustainable_urban_logistics_planning_0.pdf

37 L-Istudju ta' tiftix tal-fatti tal-2021 sab li, għalkemm 68 % tal-ibliet tal-UE inklużi fil-kampjun kienu konxji tal-linji gwida tal-pjanijiet għal-loġistika urbana sostenibbli (SULP), 13 % biss għandhom SULP iddedikat, filwaqt li 58 % għandhom elementi loġistiċi fil-pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli tagħhom.

38 Proposta għal Regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52017PC0676R(01)

ibliet huma azzjonijiet ewlenin imsemmija kemm mill-awtoritajiet lokali kif ukoll mill-partijiet ikkonċernati privati[39] biex jinbena l-għarfien dwar il-ġestjoni u l-ippjanar sostenibbli tal-loġistika urbana. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar ħidma fil-livell tal-UE dwar il-valutazzjoni tal-ħtieġa għal aktar ġbir u kondiviżjoni tad-*data* dwar il-merkanzija urbana[40].

Għalhekk, il-Kummissjoni se:

- tagħmel proposta sa tmiem l-2022 li tirrevedi l-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-vetturi tqal sabiex timxi lejn vetturi b'emissjonijiet żero f'dan is-settur;
- tiżgura li l-pjanijiet ta' loġistika urbana sostenibbli eżistenti (SULPs) jiġu integrati bis-sħiħ fil-qafas tal-SUMP;
- tappoġġa d-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet kollha, in-networking u l-iskambji fost il-pjanifikaturi tal-ibliet;
- tappoġġa l-kondiviżjoni volontarja tad-*data* bejn it-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati biex it-trasport tal-merkanzija urban isir aktar effiċjenti, sostenibbli u kompetittiv[41].

### 2.7 Id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u servizzi ġodda tal-mobbiltà

51. Id-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal mhux sfruttat: teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali, it-tewmin diġitali, il-blockchains, l-internet tal-oġġetti, is-soluzzjonijiet Ewropej għan-navigazzjoni bis-satellita u l-osservazzjoni tad-dinja għandhom il-wegħda li jagħmlu l-mobbiltà urbana aktar intelliġenti, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli.

52. Bis-saħħa ta' applikazzjonijiet u pjattaformi ġodda, l-ismartphones jistgħu jagħtu aċċess għal firxa wiesgħa ta' servizzi. Pereżempju, l-applikazzjonijiet ta' "Mobbiltà bħala Servizz" jistgħu jgħinu fir-reġistrazzjoni u fil-ħlas ta' biljetti għall-offerti kollha ta' mobbiltà. Aktar ma nagħmlu l-vjaġġi multimodali bla xkiel, aktar l-utenti se jilqgħuhom u jaċċettawhom. Fil-futur, kemm l-operaturi tat-trasport kif ukoll il-passiġġieri se jkollhom il-possibbiltà li jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali[42] li l-Istati Membri se joħorġu biex jippermettu liċ-ċittadini, lir-residenti u lin-negozji jiskambjaw u jippreżentaw kredenzjali, inkluż għall-mobbiltà urbana.

53. Barra minn hekk, l-għodod għall-ġestjoni tal-mobbiltà diġitali jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet tat-trasport pubbliku jiksbu fehim preċiż tal-użu tal-ispazju pubbliku, jagħmlu investimenti aħjar fl-infrastruttura u fil-vetturi multimodali u jfasslu u jimmonitorjaw b'mod effettiv il-konformità mar-regoli.

---

[39] idem

[40] Skont l-Istudju ta' tiftix tal-fatti, 29 % biss tal-ibliet tal-UE inklużi fil-kampjun jiġbru *data* dwar il-loġistika urbana u 32 % biss għandhom qafas ta' evalwazzjoni.

[41] Filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-soluzzjonijiet li qegħdin jiġu żviluppati fil-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF).

[42] Fit-3 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea flimkien mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar Sett ta' għodod komuni tal-Unjoni għal approċċ koordinat lejn Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali. Jekk id-diskussjonijiet leġiżlattivi jkunu jistgħu jiġu konklużi sa tmiem l-2022, l-Istati Membri joħorġu Kartieri tal-Identità Diġitali fl-2024.

54. Biex tkompli tappoġġa ġestjoni aħjar tat-traffiku u tal-mobbiltà, ir-reviżjoni prevista tad-Direttiva ITS[43] u r-Regolament ta' Delega rivedut fir-rigward tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha[44] se jsaħħu l-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u s-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali.

55. Id-diġitalizzazzjoni toffri wkoll mod kif jiġu solvuti ċerti sfidi relatati mar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani (UVAR). Fl-Ewropa, il-maġġoranza (73 %) tar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani jikkonċernaw żoni b'emissjonijiet baxxi (u żero). Iż-żoni b'emissjonijiet baxxi jistgħu jkunu għodda effettiva biex jiġu indirizzati l-problemi lokali tal-kwalità tal-arja, speċjalment għal żoni fejn it-traffiku huwa sors dominanti ta' tniġġis ġenerali tal-arja. Barra minn hekk, għadd ta' awtoritajiet lokali qegħdin jikkunsidraw skemi ta' tniġġis ta' emerġenza jew skemi ta' ċċarġjar stradali biex jindirizzaw kwistjonijiet oħra bħall-konġestjoni[45]. Fil-fatt, ħafna bliet qed ibatu minn problemi ta' konġestjoni fit-toroq lokali u kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-arja kkawżati mit-trasport, li spiss jaqbżu l-istandards tal-kwalità tal-arja u l-limiti tat-tniġġis tal-UE[46]. B'mod partikolari, it-trasport bit-triq jenħtieġ li jsir iniġġes drastikament inqas, speċjalment fl-ibliet. Il-proposta ppjanata għal standards tal-emissjonijiet aktar stretti ta' sustanzi li jniġġsu l-arja għall-vetturi (Euro 7) se tgħin lill-ibliet fit-tranżizzjoni tagħhom lejn mobbiltà nadifa. Barra minn hekk, ir-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani jistgħu jirrappreżentaw miżura biex ikun hemm konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE u biex jiġu limitati l-konġestjoni u l-emissjonijiet mit-traffiku. Barra minn hekk, huma jinċentivaw ukoll l-użu tat-trasport pubbliku u tal-mobbiltà attiva, u b'hekk inaqqsu l-aċċess ta' vetturi li jniġġsu aktar għal żoni urbani sensittivi.

56. Huwa importanti li fejn jiġu implimentati r-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani, dawn jippermettu vjaġġar bla xkiel u faċli għall-utent fis-suq uniku kollu, mingħajr ma jwasslu għal diskriminazzjoni tas-sewwieqa mhux residenti. Filwaqt li l-introduzzjoni ta' regolamenti speċifiċi dwar l-aċċess għall-vetturi urbani hija u jenħtieġ li tkun kompitu għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lokali, il-varjetà ta' regolamenti differenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani tippreżenta sfidi ġodda fl-UE għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija. L-utenti tat-toroq jeħtieġu aċċess aħjar għall-informazzjoni biex ikunu konxji ta' dawn ir-regolamenti u jkunu jistgħu jikkonformaw magħhom; u l-ibliet spiss ma jkunux jistgħu jistabbilixxu u jinfurzaw kif xieraq skemi effettivi u funzjonali. Dawn l-isfidi huma partikolarment serji għall-vetturi barranin, anke meta jkollhom emissjonijiet żero. Hemm nuqqas ta' mod standardizzat u effettiv kif tiġi pprovduta informazzjoni u *data* dwar ir-regoli tar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani lis-sewwieqa. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-ibliet ma kellhomx id-*data* meħtieġa għall-infurzar transfruntier.

57. S'issa, il-Kummissjoni ffukat l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-għoti ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tad-*data* permezz ta':

[43] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12534-Sistemi-tat-trasport-intelligenti-revizjoni-tar-regoli-tal-UE-_mt

[44] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32015R0962

[45] Fil-21 ta' Ottubru 2021, ir-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani fis-seħħ jew ikkonfermati bħala li kienu qed jiġu ppjanati kienu jikkonċernaw 328 żona b'emissjonijiet baxxi, 130 skema ta' tniġġis ta' emerġenza, 36 żona b'emissjonijiet żero u 6 nollijiet urbani. Sors: https://mt.urbanaccessregulations.eu/

[46] Id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1486474738782&uri=CELEX%3A02008L0050-20150918

a. l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1724 dwar il-Gateway Diġitali Unika[47], li jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu informazzjoni lill-utenti tat-toroq permezz tal-Gateway;

b. it-tħejjija tar-reviżjoni[48] tar-Regolament Delegat fir-rigward tal-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali[49] li tirrikjedi li l-Istati Membri jagħtu aċċess għal firxa wiesgħa ta' *data* statika u dinamika biex jiġu inklużi settijiet ġodda ta' *data*, bħal dawk li jappartjenu għar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani;

c. il-proġett "UVARbox[50]", li għandu l-għan li jgħin lill-ibliet jiżviluppaw għodda faċli għall-utent biex jipprovdu *data* f'format standardizzat dwar l-iskemi urbani u reġjonali tar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani;

d. il-proġett "UVARexchange[51]", li għandu l-għan li jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lis-sewwieqa qrib iż-żoni tar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani u li jtejjeb l-aċċess tal-awtoritajiet lokali għall-informazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' vetturi u sewwieqa barranin, għall-ivvjaġġar u l-infurzar mingħajr xkiel tar-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani mill-awtoritajiet lokali.

58. Hemm bżonn li ssir ħidma ulterjuri għal soluzzjonijiet effettivi, kosteffiċjenti, faċli għall-utent u ġusti li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll għas-sewwieqa u għas-sidien tal-vetturi u li jgħinuhom joperaw u japplikaw ir-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani.

59. Id-diġitalizzazzjoni tippermetti wkoll servizzi ġodda ta' mobbiltà bħall-kondiviżjoni ta' karozzi u roti free-floating, ride hailing u servizzi innovattivi tat-taxis, jew servizzi ta' konsenja, prinċipalment offruti permezz ta' apps għall-apparati mobbli. Barra minn hekk, dawn is-servizzi jirrappreżentaw opportunità ewlenija għan-negozji Ewropej.

60. Il-kumpaniji ta' ride-hailing jistgħu jġibu bidla radikali billi joffru vetturi privati tal-kiri b'servizzi tas-sewwieqa (PHV) li jikkompetu ma' servizzi stabbiliti tat-taxi. Is-sewwieqa tat-taxis spiss jipperċepixxu l-kompetizzjoni minn kumpaniji ta' ride-hailing bħala waħda inġusta, jekk dawn ma jkollhomx bżonn josservaw l-istess regoli bħat-taxis. Fl-istess ħin, il-kumpaniji ta' ride-hailing u l-operaturi ta' vetturi privati tal-kiri jipperċepixxu r-regoli għall-vetturi privati tal-kiri bħala skaduti. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida mmirata dwar ir-regoli li jikkonċernaw is-servizzi tat-taxi u tal-vetturi privati tal-kiri fl-2022. Din il-gwida tikkomplementa l-proposti reċenti tal-Kummissjoni dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-ekonomija tal-pjattaforma. Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' dawn is-servizzi f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-proposta tal-lum għal-Linji Gwida riveduti dwar it-TEN-T

[47] Ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika (SDG) jopera bħala l-punt ta' dħul uniku għan-nies u għan-negozji biex jaċċessaw informazzjoni dwar ir-regoli u r-rekwiżiti li jridu jikkonformaw magħhom minħabba r-regolamenti tal-UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Fost rekwiżiti oħra, l-awtoritajiet pubbliċi huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar ir-regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani lill-utenti tat-triq permezz tal-gateway. Fir-rigward tal-proċedura għall-kisba ta' stikers tal-emissjonijiet, ir-Regolament jistipula li tali stikers maħruġa minn korp jew minn istituzzjoni pubblika jridu jkunu kompletament disponibbli online sat-12 ta' Diċembru 2023.

[48] L-adozzjoni tal-att delegat hija mistennija għall-ewwel trimestru tal-2022

[49] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32015R0962

[50] L-azzjoni preparatorja ffinanzjata mill-Parlament Ewropew ġestita mis-servizzi tal-Kummissjoni (https://uvarbox.eu).

[51] L-azzjoni preparatorja ffinanzjata mill-Parlament Ewropew ġestita mis-servizzi tal-Kummissjoni (https://www.eltis.org/in-brief/news/uvarexchange-project-kicks)

tipprevedi li l-SUMPs f'nodi urbani jenħtieġ li jkopru pjanijiet biex isir tibdil lejn flotot tal-karozzi b'emissjonijiet żero.

61. Qed jitfaċċaw servizzi ġodda oħra ta' mobbiltà u tat-trasport, spiss appoġġati minn finanzjament tal-UE għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Is-servizzi konnessi tal-mobbiltà awtomatizzata kooperattiva (CCAM) u l-mobbiltà bl-ajru urbana (UAM)[52] huma tnejn minnhom. Sabiex jiġi massimizzat il-kontribut potenzjali tagħhom għall-mobbiltà urbana, huwa meħtieġ li dawn jiġu integrati fil-qafas tal-SUMP minn stadju bikri.

62. B'mod aktar ġenerali, ħafna bliet Ewropej huma minn ta' quddiem b'mod globali fir-rigward tal-innovazzjoni tat-trasport, tal-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana u tal-implimentazzjoni ta' miri ambizzjużi għas-sikurezza klimatika u fit-toroq. L-ibliet tagħna spiss iservu bħala l-aħjar "laboratorji ħajjin" fejn jitfasslu, jiġu ttestjati u jiġu implimentati soluzzjonijiet ġodda għal sfidi komuni, li jikkontribwixxu mhux biss għal mobbiltà urbana aktar effettiva u sostenibbli iżda wkoll għal żieda ulterjuri fil-kwalità tal-ħajja fl-ibliet Ewropej għan-nies li jgħixu hemmhekk. L-ibliet qegħdin jesperimentaw ukoll bl-użu ta' Tewmin Diġitali Lokali, li jikkombinaw id-*data* minn oqsma differenti (inkluża l-mobbiltà) u jużaw il-viżwalizzazzjoni, l-immudellar u s-simulazzjoni biex jappoġġaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom b'mod integrat.

63. Id-diskussjoni pubblika u l-"kokreazzjoni" ta' kunċetti ġodda ta' mobbiltà huma vitali għall-aċċettazzjoni pubblika tagħhom. Għal dak il-għan u mill-2002, l-Inizjattiva CIVITAS kienet appoġġata mill-Programmi Qafas suċċessivi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u ilha tipproponi azzjonijiet innovattivi fil-livelli lokali u reġjonali, li jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi jimmaniġġjaw aħjar l-innovazzjoni u jadottaw għodod, soluzzjonijiet jew proċessi ġodda. Dan jgħin biex jiġu promossi l-implimentazzjoni u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli u intelliġenti madwar l-Ewropa – u lil hinn minnha.

64. Barra minn hekk, hemm ħafna inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE li għandhom rabta mal-mobbiltà urbana, inkluż is-sħubijiet kofinanzjati 2ZERO (Lejn trasport bit-triq mingħajr emissjonijiet) u CCAM (Mobbiltà Konnessa, Kooperattiva u Awtomatizzata), is-Sħubija għall-Idroġenu Nadif u s-Sistema Ferrovjarja Ewropea , is-sħubija kofinanzjata DUT (Nixprunaw it-Tranżizzjoni Urbana), l-inizjattiva ta' Azzjonijiet Innovattivi Urbani, il-Komunità tal-Għarfien u l-Innovazzjoni tal-EIT  dwar il-Mobbiltà Urbana, l-inizjattiva living.eu u s-Suq tal-Bliet Intelliġenti. Dawn l-inizjattivi jikkumplimentaw lil xulxin u għandhom potenzjal kbir għal sinerġiji biex jaċċelleraw l-innovazzjoni lejn bliet u spazji urbani aktar sostenibbli u tajbin għall-għajxien. Triq partikolarment promettenti għal koordinazzjoni effettiva bejn l-inizjattivi fi kwistjonijiet urbani hija l-missjoni ta' Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti (ara hawn taħt).

Il-Kummissjoni se:

- tipproponi inizjattiva leġiżlattiva sal-2022 dwar il-forniment u l-użu ta' *data* kummerċjalment sensittiva għal servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali, filwaqt li ttejjeb ukoll l-aċċessibbiltà għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa;
- tippreżenta azzjonijiet għall-iżvilupp ta' spazju komuni Ewropew tad-*data* dwar il-mobbiltà biex tiffaċilita l-aċċess għad-*data*dwar il-mobbiltà u l-kondiviżjoni tagħha , inkluż fil-livell

[52] Definit bħala: traffiku tal-ajru f'altitudni baxxa ħafna fuq żoni popolati fuq skala.

urban, fl-2022;

- toħloq, bl-appoġġ tal-Programm Ewropa Diġitali[53], sett ta' għodod tal-UE għal Tewmin Diġitali Lokali biex tgħin lill-ibliet, fil-kuntest lokali tagħhom stess, jikkombinaw id-*data* minn oqsma differenti, bħall-mobbiltà, u l-viżwalizzazzjoni u s-simulazzjoni biex jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet;
- tniedi studju ddedikat fl-2022, li se jintraċċa u jiċċara liema soluzzjonijiet diġitali u tekniċi se jkunu disponibbli biex jippermettu regolamenti dwar l-aċċess għall-vetturi urbani aktar effettivi u faċli għall-utent, filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- toħroġ gwida dwar it-trasport lokali fuq talba: jiġifieri t-taxis, il-vetturi privati tal-kiri b'sewwieqa u r-ride-hailing;
- tkompli tiżviluppa l-Inizjattiva CIVITAS taħt Orizzont Ewropa u l-kooperazzjoni tagħha ma' inizjattivi rilevanti ffinanzjati mill-UE, permezz tal-missjoni ta' Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti;
- tappoġġa l-azzjonijiet ta' innovazzjoni fi ħdan il-programm ta' Riċerka u Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa permezz tas-sħubijiet li huma rilevanti għall-attivitajiet ta' mobbiltà urbana (is-sħubija kofinanzjata DUT, is-sħubijiet kofinanzjati 2ZERO u CCAM, Idroġenu Nadif u s-sħubijiet istituzzjonali tal-Ferrovija tal-Ewropa).

### 2.8 Lejn bliet newtrali għall-klima: trasport urban reżiljenti, ekoloġiku u effiċjenti fl-użu tal-enerġija

65. Pass importanti ewlieni tal-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti huwa li sal-2030 ikun hemm mill-inqas 100 belt Ewropea newtrali għall-klima. Minħabba d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet ta' politika teknoloġiċi u oħrajn xierqa għall-mobbiltà b'emissjonijiet żero, l-ibliet jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika u fl-aħħar mill-aħħar jiżguraw li l-mobbiltà u t-trasport urbani jsiru newtrali għall-klima mill-aktar fis possibbli. Dan jenħtieġ li jinkludi sinerġiji mal-komunitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, tal-ħżin u tal-enerġija. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-ibliet jenħtieġ li jużaw is-setgħat għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluż fil-kuntest tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, tal-għoti ta' konċessjoni jew ta' liċenzja, u l-proċeduri tal-aġġudikazzjoni ta' għotjiet biex jaċċelleraw l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport pubbliku u tal-flotot bħall-mobbiltà kondiviża u l-vetturi tal-kiri, il-vetturi ta' konsenja u s-servizzi tat-taxi u tal-vetturi privati tal-kiri.

66. L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jiżguraw id-disponibbiltà ta' infrastruttura effiċjenti, interoperabbli u faċli għall-utent għall-irriċarġjar u għar-riforniment bi fjuwils alternattivi. Għal dan il-għan, il-Forum dwar it-Trasport Sostenibbli diġà fassal sett ta' rakkomandazzjonijiet għall-awtoritajiet pubbliċi għall-akkwist, għall-għoti ta' konċessjonijiet, liċenzji u/jew l-għoti ta' appoġġ għall-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku għall-karozzi u għall-vannijiet tal-passiġġieri[54]. Barra minn hekk, fl-2022 hemm il-ħsieb li tiġi ppubblikata Gwida għal proċeduri għal għoti aħjar ta' permessi u għall-konnessjoni aħjar mal-grilja tal-infrastruttura tal-irriċarġjar kif ukoll Rakkomandazzjonijiet għall-aċċellerazzjoni tal-elettrifikazzjoni ta' flotot speċjalizzati u vinkolati.

[53] Programm ta' Ħidma Ewropa Diġitali 2021-2022, C(2021) 7914 final, Anness. Indikazzjoni tal-ftuħ tas-sejħa 2022.

[54] https://transport.ec.europa.eu/document/download/5bcffc0b-d1fe-468e-9f2c-04026629c907_en

67. It-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika se tiġi żviluppata u se tintwera fil-prattika mill-ibliet involuti fil-missjoni dwar l-Ibliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti[55]. Il-missjoni għandha l-għan li sal-2030 twassal biex 100 belt Ewropea jsiru newtrali għall-klima u intelliġenti u li tistabbilixxi l-pedamenti biex l-ibliet kollha jkunu saru newtrali għall-klima sal-2050. Il-mobbiltà urbana se tkun fil-qalba ta' din l-isfida. F'termini ta' Riċerka u Innovazzjoni, l-ewwel programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2021-2022 jinkludi sett ta' azzjonijiet li jgħinu biex jitqiegħdu l-pedamenti għall-implimentazzjoni tal-missjoni, inkluż f'għadd ta' oqsma ewlenin bħat-trasport pubbliku.

Il-Kummissjoni se:

- tipproponi li fir-Regolament TEN-T rivedut jiġu inklużi obbligi dwar id-disponibbiltà tal-infrastruttura għall-irriċarġjar u għar-riforniment tal-fjuwil, li jirriżultaw mill-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-użu ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi[56], inkluż f'nodi urbani;
- tinkludi fil-programmi ta' ħidma għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa aspetti biex jgħinu lill-ibliet jinvestu fl-innovazzjoni fil-mobbiltà urbana fi ħdan il-Missjoni dwar l-Ibliet b'enfasi fuq it-trasport pubbliku u l-mobbiltà attiva u fi ħdan is-sħubijiet tat-trasport biex jappoġġaw b'mod awtomatizzat il-vetturi intelliġenti u b'emissjonijiet żero u l-integrazzjoni tagħhom mas-sistemi tal-iċċarġjar fiż-żoni urbani;
- tipprovdi EUR 359,3 miljun taħt Orizzont Ewropa matul il-perjodu 2021-2023 għall-fażi inizjali ta' implimentazzjoni tal-missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti;
- tiżviluppa sinerġiji ulterjuri mal-fondi u l-finanzjament minn programmi oħra tal-UE (bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), il-Bank Ewropew tal-Investiment u sorsi tas-settur privat biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' mobbiltà, vetturi u l-faċilitaturi tagħhom b'emissjonijiet żero.

### 2.9 Sensibilizzazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet

68. Il-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà (16-22 ta' Settembru)[57] – il-kampanja tal-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni ma' network tal-koordinaturi nazzjonali – ilha tippromwovi bidla fl-imġiba lejn mobbiltà sostenibbli mill-2002 favur mobbiltà attiva, trasport pubbliku, u soluzzjonijiet oħra ta' trasport sostenibbli u intelliġenti. Filwaqt li l-kampanja tibqa' għaddejja s-sena kollha, l-avveniment deċentralizzat ewlieni f'Settembru iseħħ meta l-ibliet jorganizzaw avvenimenti marbuta mat-tema annwali, bħall-"jiem mingħajr karozzi", li huma dejjem aktar popolari. It-tema tal-20 edizzjoni fl-2021 kienet "Sikuri u b'Saħħitna b'Mobbiltà Sostenibbli" u pparteċipaw rekord ta' 3 200 belt minn 53 pajjiż minn madwar id-dinja. Avvenimenti annwali bħal konferenzi ewlenin tal-UE[58] u l-għotjiet relatati mal-mobbiltà urbana fil-livell tal-UE jservu skop simili u jippermettu lill-parteċipanti biex jingħaqdu u jikkondividu l-aħjar prattiki. Il-Konferenza li għaddejja dwar il-Futur tal-Ewropa toffri wkoll forum eċċellenti biex isir kuntatt interattiv maċ-ċittadini dwar soluzzjonijiet sostenibbli tat-trasport.

[55] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021DC0609&qid=1633352046497

[56] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021PC0559

[57] https://mobilityweek.eu/home/

[58] B'mod partikolari l-Forum Civitas, il-Konferenza tal-SUMP u l-Jiem ta' Mobbiltà Urbana.

69. Il-Premju annwali Access City[59], imniedi mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010, jirrikonoxxi bliet Ewropej għall-isforzi tagħhom biex isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż fil-qasam tat-trasport u tal-infrastruttura relatata. It-12-il edizzjoni tal-Premju Access City tinkludi referenza speċjali biex l-istazzjonijiet tal-ferrovija jsiru aktar aċċessibbli biex tiġi ċċelebrata s-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021). Il-Premju jħeġġeġ lil kull belt fl-UE biex tiżgura aċċess ugwali għall-ħajja urbana għall-persuni b'diżabbiltà u għall-anzjani. Barra minn hekk, dan jippermetti lill-ibliet biex jispiraw lil xulxin u jaqsmu eżempji ta' prattiki tajbin.

70. B'mod parallel għas-sensibilizzazzjoni, hemm ukoll il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-ħaddiema tat-trasport urban jiġu megħjuna jibnu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dmir tagħhom fuq il-mobbiltà urbana sostenibbli u intelliġenti. L-UE ilha tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari għall-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana, permezz ta' assistenza teknika u taħriġ u permezz ta' diversi proġetti u billi tipprovdi dokumenti ta' gwida.

Il-Kummissjoni se:

- tkompli bl-attivitajiet tagħha ta' sensibilizzazzjoni ċċentrati fuq il-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà u l-premjijiet u l-avvenimenti tal-UE għall-mobbiltà urbana;
- tkompli tipprovdi assistenza teknika, u b'mod partikolari azzjonijiet biex jinbnew il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali biex iħejju u jimplimentaw miżuri u strateġiji ta' mobbiltà urbana.

## 3 GOVERNANZA U KOORDINAZZJONI

71. Il-livelli ta' politika kollha (l-awtoritajiet tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali) huma involuti fi kwistjonijiet ta' mobbiltà. Huwa meħtieġ approċċ ta' **governanza integrata u fuq diversi livelli** għall-ġestjoni tal-mobbiltà urbana, flimkien ma' setturi rilevanti oħra bħall-enerġija, bħala parti mill-isforz lejn in-newtralità klimatika, pereżempju, permezz tal-missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti. L-iżgurar li l-ibliet ikunu involuti bis-sħiħ biex jgħinu sabiex l-objettivi Ewropej jintlaħqu huwa ta' importanza ewlenija f'dak ir-rigward. Filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali jkunu appoġġjati fil-ħidma tagħhom u jenħtieġ li jkun permess approċċ konġunt madwar l-UE.

72. Hija meħtieġa pjattaforma msaħħa għad-djalogu u l-kokreazzjoni ta' azzjonijiet ġodda għall-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid tal-UE għall-mobbiltà urbana b'involviment aktar b'saħħtu tal-Istati Membri u djalogu aħjar mal-ibliet, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati dwar il-kwistjonijiet kollha tal-mobbiltà urbana. Għal dak il-għan, l-istrutturi eżistenti jenħtieġ li jintużaw u jiġu adattati kemm jista' jkun[60].

73. Grupp ta' Esperti riformat dwar il-Mobbiltà Urbana[61] jista' jkollu rwol ċentrali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid ta' governanza. Il-funzjonament ġenerali tiegħu sal-lum ma laħaqx l-aspettattivi inizjali, u l-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-

[59] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141&langId=mt

[60] Ir-rieżami tal-Aġenda Urbana ppjanata għall-2023 tista' teżamina sinerġiji bejn id-djalogu ta' governanza fuq diversi livelli tagħha u l-komunità tal-mobbiltà urbana u l-partijiet ikkonċernati.

[61] https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3165&NewSearch=1&NewSearch=1&lang=mt .

workshops enfasizzaw il-ħtieġa li jittejbu l-istruttura u l-arranġamenti ta' ħidma tiegħu. Dan jenħtieġ li jinkludi l-ftuħ tal-parteċipazzjoni lill-awtoritajiet lokali, lin-networks tal-ibliet u lis-sħab soċjali, u l-istabbiliment ta' objettivi ta' ħidma u riżultati tanġibbli ċari. Il-Grupp ta' Esperti jenħtieġ li jiġi appoġġat fl-operazzjonijiet tiegħu minn sottogruppi, fejn ikun utli.

74. Il-Grupp ta' Esperti jenħtieġ li jaħdem b'mod partikolari fuq it-trasport pubbliku, il-mobbiltà kondiviża u attiva, il-flotot b'emissjonijiet żero, il-loġistika urbana u l-konsenja tal-ewwel u l-aħħar mil, inkluż f'żoni urbani transfruntiera, u l-konnessjonijiet urbani-rurali. Jenħtieġ li jikkoordina wkoll it-tħejjija għall-kontinġenza tat-trasport urban bejn l-Istati Membri[62] kif ukoll bejn il-maniġers tal-programmi nazzjonali tal-SUMP u l-Grupp ta' Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tal-SUMP.

Il-Kummissjoni se:

- tirrieżamina, sal-2022, il-mandat u l-operat tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Mobbiltà Urbana.

## 4 ASPETTI INTERNAZZJONALI

75. Il-mobbiltà urbana hija waħda mid-dimensjonijiet koperti mill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 11 dwar l-ibliet u l-komunitajiet sostenibbli, u mill-Aġenda Urbana l-Ġdida. Dawn id-dokumenti ta' qafas globali ilhom jiggwidaw il-kooperazzjoni multilaterali u bilaterali tal-UE, kif ukoll attivitajiet oħra mnedija biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' prattiki u soluzzjonijiet lil hinn mill-UE.

76. Il-programm Internazzjonali ta' Kooperazzjoni Urbana[63] għall-2017-2020 ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' djalogu bejn l-ibliet madwar id-dinja dwar kwistjonijiet ta' mobbiltà permezz ta' akkoppjar u t-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni komuni. Eżempji jinkludu l-kooperazzjoni bejn Turin (l-Italja) u São Paolo (il-Brażil) biex tinkiseb mobbiltà urbana multimodali f'sistemi intermuniċipali kbar, u l-ħidma ta' Nagpur (l-Indja) u Karlsruhe (il-Ġermanja) biex jirriflettu fuq il-mobbiltà ċċentrata fuq in-nies u l-kondiviżjoni tar-roti pubbliċi.

77. Skont il-Programm Internazzjonali ta' Kooperazzjoni Urbana u Reġjonali (IURC) il-ġdid[64] għall-2021-2024, 44 belt minn pajjiżi tal-UE u minn pajjiżi mhux tal-UE wrew interess li jaħdmu fuq network tematiku dwar it-tiġdid urban u reġjonali u l-koeżjoni soċjali, li jkopri b'mod partikolari kwistjonijiet ta' mobbiltà u trasport sostenibbli.

78. Saru diversi attivitajiet internazzjonali oħra biex tingħata spinta u biex jiġu implimentati soluzzjonijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli, biex jiġu appoġġati l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u s-sħubijiet madwar ir-reġjuni ġeografiċi differenti. Dawn l-attivitajiet ikopru d-dimensjonijiet tal-investiment u l-kunċett ta' governanza strateġika tal-mobbiltà fil-livelli muniċipali għall-ippjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana fejn il-kunċett u l-linji gwida tal-UE dwar l-SUMP saru punt ta' referenza globali. Dawn ġew adattati madwar id-dinja għal kuntesti u speċifiċitajiet ġeografiċi.

[62] Il-Punt Fokali tal-Fruntieri tal-Kummissjoni magħmul minn esperti fi kwistjonijiet transfruntiera jista' jikkontribwixxi wkoll għall-grupp ta' Esperti (eż. fl-indirizzar ta' ostakli legali u amministrattivi mal-fruntieri).

[63] https://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/cooperation/international/urban/

[64] https://www.iurc.eu

79. L-involviment ulterjuri tas-sjieda politika lokali tal-objettivi ta' mobbiltà sostenibbli huwa kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE. Filwaqt li tkompli fuq l-ambizzjonijiet tal-missjoni tal-Ibliet Ewropej Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar approċċi transsettorjali għall-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet affidabbli u affordabbli tal-enerġija nadifa, anki fl-ambitu tat-trasport urban, permezz tal-inizjattiva globali tal-Missjoni Innovazzjoni (MI) dwar it-Tranżizzjonijiet Urbani[65].

Il-Kummissjoni se:

- tħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija dwar kwistjonijiet ta' mobbiltà urbana;
- tiżviluppa kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar il-mobbiltà urbana ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra bħall-Forum Internazzjonali tat-Trasport (ITF);
- tkompli tippromwovi approċċi ta' mobbiltà urbana sostenibbli lil hinn mill-UE, eż. bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent[66], is-Sħubija tal-Lvant[67], u l-Viċinat tan-Nofsinhar[68] [69].

## 5 FONDI U FINANZJAMENT TA' PROĠETTI TA' MOBBILTÀ URBANA

80. Id-dekarbonizzazzjoni, it-tindif, id-diġitalizzazzjoni u l-immodernizzar tal-mobbiltà urbana jeħtieġu sforzi sinifikanti għall-iżvilupp u għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet ġodda kif ukoll għall-investiment f'assi u f'infrastrutturi mobbli.

81. Fil-perjodu ta' finanzjament ta' bejn l-2021 u l-2027, diversi strumenti ta' fondi u finanzjament fil-livelli Ewropej u nazzjonali, bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, InvestEU, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, se jkunu disponibbli biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn mobbiltà urbana sostenibbli; ul-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) fir-reġjun tat-tkabbir.

82. Ittieħdu wkoll passi ewlenin biex is-sistema finanzjarja ssir aktar sostenibbli, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-2020 tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li joħloq sistema ta' klassifikazzjoni għall-attivitajiet ekonomiċi ekoloġiċi. Dan se jiffaċilita ż-żieda ta' prodotti finanzjarji ekoloġiċi xierqa biex jippromwovu l-investiment fil-mobbiltà urbana u fl-użu ta' fjuwils alternattivi. Il-missjoni tal-Ibliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti se tappoġġa dan il-proċess billi tiżgura sinerġiji u komplementarjetajiet akbar ma' programmi oħra tal-UE

[65] http://mission-innovation.net/missions/urban-transitions-mission

[66] Komunikazzjoni "Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020) 641 final).

[67] Komunikazzjoni Konġunta "It-Tisħiħ tar-Reżiljenza: Sħubija tal-Lvant li tagħti riżultati għal kulħadd" (JOIN(2020) 7 final) u Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal "Irkupru, reżiljenza u riforma: il-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020," (SWD(2021) 186 final).

[68] Komunikazzjoni Konġunta "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar: Aġenda ġdida għall-Mediterran" (JOIN(2021) 2 final), u Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal "Sħubija mġedda mal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-Viċinat tan-Nofsinhar għall-Ġirien tan-Nofsinhar" (SWD(2021) 23 final).

[69] Dawn l-attivitajiet u l-programmi se jiġu ffinanzjati mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali l-ġdid – Ewropa Globali.

filwaqt li tgħin lill-ibliet iwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja permezz tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Kuntratti tagħhom tal-Belt Klimatika li se jinkludu wkoll pjanijiet ta' investiment li fl-UE se jibnu appoġġ għall-finanzjament nazzjonali u reġjonali u jistabbilixxu kif se jippjanaw li jkollhom aċċess għall-finanzjament minn sorsi oħra, biex iżidu u jimplimentaw soluzzjonijiet innovattivi għat-twettiq tal-impenji tagħhom.

83. Permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku[70], il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi mmirati lejn l-għelib tad-diskrepanza fl-investiment u jaċċelleraw it-tranżizzjoni doppja. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex ifasslu u jistabbilixxu miżuri li jippermettu l-involviment tagħhom f'riformi u f'investimenti effettivi u sostenibbli għal mobbiltà urbana aktar nadifa, aktar intelliġenti u aktar integrata u jiffaċilitaw b'dan il-mod it-tranżizzjoni lejn il-mobbiltà urbana sostenibbli.

84. Se jingħata appoġġ konsultattiv u assistenza teknika ulterjuri permezz taċ-ċentru konsultattiv InvestEU, b'faċilitajiet iddedikati, b'mod partikolari ELENA, URBIS u SIA/JASPERS kif ukoll permezz tal-Istrument tal-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (TAIEX) jew proġetti ta' ġemellaġġ li jinvolvu pajjiżi terzi. Dan se jgħin ukoll biex jiġi massimizzat l-assorbiment kif ukoll l-impatt tal-fondi tal-UE.

85. L-eżistenza ta' strateġija integrata ta' mobbiltà urbana (Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli jew ekwivalenti) tista' tagħti assigurazzjoni addizzjonali dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-investimenti bħala parti minn approċċ sistemiku.

Il-Kummissjoni se:

- tiżviluppa rabta aktar b'saħħitha bejn l-SUMPs u l-istrumenti ta' finanzjament u, pereżempju, tagħti prijorità fil-programmi ta' ħidma tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa lill-proġetti ta' mobbiltà urbana li jkunu appoġġati minn SUMPs jew minn pjanijiet ekwivalenti, u tagħti prijorità fis-sejħiet ta' Orizzont Ewropa lill-applikanti bl-SUMPs;
- tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-investimenti f'mobbiltà urbana sostenibbli kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, inkluż għall-proġetti ta' mobbiltà urbana intelliġenti u sostenibbli fl-ibliet permezz tal-Programm tal-UE għar-Riċerka u Innovazzjoni Orizzont Ewropa (2021-2027).

## 6 KONKLUŻJONIJIET

86. Din il-Komunikazzjoni hija sejħa biex tingrana azzjoni fil-livelli kollha ta' governanza sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobbiltà li jiffaċċjaw iż-żoni urbani: il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ tagħha f'żoni b'valur miżjud stabbilit tal-UE (b'mod partikolari fir-rigward tan-nodi urbani fuq it-TEN-T u r-Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar pjanijiet effettivi ta' mobbiltà urbana sostenibbli), u se toħloq qafas komuni għall-ibliet kollha tal-UE biex issir il-bidla lejn mobbiltà urbana aktar sostenibbli u aktar intelliġenti. L-Istati Membri huma mħeġġin jappoġġaw l-isforzi akbar tal-awtoritajiet lokali biex jagħmlu l-mobbiltà urbana aktar sostenibbli, aktar intelliġenti u aktar reżiljenti. L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn mobbiltà urbana newtrali għall-klima u nadifa tirrappreżenta mhux biss sfida ewlenija iżda tipprovdi wkoll opportunitajiet kbar għall-ibliet u għar-reġjuni kif ukoll għall-industrija madwar l-Unjoni u lil hinn minnha. Fl-aħħar nett, tagħti riżultati għall-

[70] https://ec.europa.eu/info/overview-funding-programmes/technical-support-instrument-tsi_mt

aspettattivi taċ-ċittadini ta' arja aktar nadifa, inqas konġestjoni u storbju kif ukoll aktar sikurezza fit-toroq u saħħa aħjar, f'konformità sħiħa mal-istrateġija l-ġdida tagħna għat-tkabbir għall-Ewropa.